KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SHARPSTON
ippreżentati fit-30 ta' April 2014[1]

Kawża C-47/13

Martin Grund
vs
Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein

[talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja)]

"Agrikoltura — Skema ta' appoġġ dirett — Definizzjoni ta' 'mergħa permanenti' — Art użata għal iktar minn ħames snin għall-produzzjoni ta' ħaxix jew għalf fil-forma ta' ħaxix — Bidla fit-tip ta' għalf fil-forma ta' ħaxix matul il-perijodu"

1. Din it-talba għal deċiżjoni preliminari mill-Bundesverwaltungsgericht (Qorti Amministrattiva Federali) (il-Ġermanja) tqajjem dik li tidher bażikament kwistjoni sempliċi, iżda li hija waħda pjuttost ikkomplikata minħabba leġiżlazzjoni kumplessa u xi diskrepanzi bejn verżjonijiet lingwistiċi. Il-fatt li mergħat ġew miżrugħa suċċessivament b'tipi differenti ta' għalf fil-forma ta' ħaxix jikkostitwixxi rotazzjoni tal-uċuħ jew l-art għandha titqies bħala mergħa permanenti?

Il-kuntest

2. Qabel ma jiġi stabbilit il-qafas leġiżlattiv, jista' jkun utli li jiġi spjegat il-kuntest ġenerali ta' fejn qamet it-tilwima fil-proċeduri prinċipali u xi kwistjonijiet speċifiċi li jikkomplikaw ir-riżoluzzjoni tat-tilwima.

3. Għajnuna diretta lil bdiewa skont il-politika agrikola komuni tista' tkun suġġetta għall-kundizzjoni ta' konformità ma' ċerti standards sabiex tiġi inkoraġġita, *inter alia*, prattika ambjentali tajba. Pereżempju, tista' tingħata għajnuna biex jinżammu mergħat iżda li tiġi rtirata jekk din tkun ikkonvertita f'art li tinħadem. F'xi ċirkustanzi, tali konverżjoni tista' tkun ipprojbita. Madankollu l-bdiewa jistgħu jagħżlu li jikkonvertu mergħat f'art li tinħadem fejn huma jistgħu jiksbu iktar profitt minn din tal-aħħar.

4. Il-proċeduri prinċipali jinvolvu bidwi Ġermaniż, li tnejn mill-għelieqi tiegħu jkunu suġġetti għal projbizzjoni tal-konverżjoni f'art li tinħadem li kieku kellhom ikunu kklassifikati bħala mergħat permanenti skont it-tifsira tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea ('UE'). Huwa għalhekk jixtieq jistabbilixxi li dawn ma kellhomx jiġu kklassifikati hekk fid-data rilevanti. Għal dan l-iskop, huwa jissottometti li l-bidliet bejn ħaxix u taħlita ta' silla/ħaxix fl-għelieqi interrompiet il-klassifikazzjoni bħala mergħat permanenti u fil-fatt ikkostitwiet rotazzjoni tal-uċuħ[2]. L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ma jaqblux.

1 — Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

2 — Ir-rotazzjoni tal-uċuħ, b'mod ġeneriku, hija "prattika agrikola fejn jiġu kkoltivati uċuħ differenti wara xulxin fl-istess medda ta' art matul perijodu ta' żmien sabiex tinżamm il-fertilità tal-ħamrija u jitnaqqsu l-effetti negattivi ta' parassiti" (*Dictionary of Biology*, Elizabeth Martin u Robert Hine, *Oxford University Press*, 2008).

5. Is-sitwazzjoni hija kkomplikata sa ċertu punt minħabba l-fatt li, fejn ħafna mill-verżjonijiet lingwistiċi tal-leġiżlazzjoni tal-UE jużaw terminu simili għal "konverżjoni" meta jagħmlu riferiment għal bidla minn mergħat għal art li tinħadem, il-verżjoni Ġermaniża tuża termini li għandhom x'jaqsmu ma' ħrit. Hawnhekk, jidher li l-bidwi ma kienx jaħrat l-art iżda kien juża metodu (żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel wara skarifikazzjoni, xi kultant magħruf ukoll bħala interseeding jew żriegħ mingħajr ħart), fejn l-uċuħ ta' qabel ma jitneħħewx u l-ħamrija ma tinħaratx iżda l-wiċċ jiġi maħlul jew imħarrax bl-użu ta' magna li tħoll il-ħamrija mingħajr ma tqallibha u l-istess uċuħ jew uċuħ differenti jinżergħu flimkien mal-uċuħ eżistenti.

6. Kwistjoni minuri oħra hija l-fatt li l-leġiżlazzjoni tal-UE ġiet implementata fil-Ġermanja kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll reġjonali. Filwaqt li l-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħmel referenza dinamika għal-leġiżlazzjoni tal-UE kif ġiet jew tista' tiġi emendata, il-leġiżlazzjoni reġjonali tagħmel referenza statika għal verżjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE li issa ġiet imħassra jew sostitwita.

Il-leġiżlazzjoni tal-UE

7. Ġew iċċitati żewġ sistemi suċċessivi li jirregolaw skemi ta' appoġġ dirett lill-bdiewa skont il-politika agrikola komuni: l-ewwel, dik inkorporata fir-Regolament tal-Kunsill Nru 1782/2003[3] u fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 796/2004[4] (iktar 'il quddiem l-"ewwel sistema"); sussegwentement, b'effett mill-1 ta' Jannar 2009 fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Kunsill u mill-1 ta' Jannar 2010 fir-rigward tal-leġiżlazzjoni tal-Kummissjoni, dik inkorporata fir-Regolament tal-Kunsill 73/2009[5] u fir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 1122/2009[6] (iktar 'il quddiem it-"tieni sistema"). Madankollu, sa fejn huwa rilevanti għall-każ preżenti, hemm ftit, jekk hemm, differenzi materjali bejn iż-żewġ settijiet ta' dispożizzjonijiet.[7]

Żamma ta' mergħa permanenti

8. Fl-ewwel sistema, il-preambolu għar-Regolament Nru 1782/2003 kien jinkludi, *inter alia*, il-premessi li ġejjin:

"(2) Il-pagament sħiħ ta' għajnuna diretta għandu jkun marbut ma' l-osservanza tar-regoli relatati ma' l-art agrikola, mal-produzzjoni u ma' l-attività agrikola. Dawk ir-regoli għandhom iservu biex jinkorporaw fl-organizzazzjonijiet tas-suq komuni 'standards' dwar l-ambjent, sigurtà ta' l-ikel, saħħa u benesseri ta' l-annimali u kondizzjoni agrikola u ambjentali tajba. Jekk dawk in-normi bażiċi mhumiex milħuqa, l-Istati Membri għandhom jirtiraw l-għajnuna diretta totalment jew parzjalment […]

3 — Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003, tad-29 ta' Settembru 2003, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi diretti ta' appoġġ fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għall-bdiewa u li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2019/93, (KE) Nru 1452/2001, (KE) Nru 1453/2001, (KE) Nru 1454/2001, (KE) Nru 1868/94, (KE) Nru 1251/1999, (KE) Nru 1254/1999, (KE) Nru 1673/2000, (KEE) Nru 2358/71 u (KE) Nru 2529/2001 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 40, p. 269).

4 — Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 796/2004, tal-21 ta' April 2004, li jistabbilixxi regoli ddettaljati għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità, tal-modulazzjoni u tas-sistema integrata ta' amministrazzjoni u ta' verifika li dwarhom hemm dispożizzjoni fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003 u (KE) Nru 73/2009, kif ukoll għall-implimentazzjoni tal-kundizzjonalità li dwarha hemm dispożizzjoni fir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2008 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 44, p. 243), kif emendat.

5 — Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 (ĠU L 30, p. 16).

6 — Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid (ĠU L 316, p. 65).

7 — Kull differenza fil-kliem użat hija indikata bil-parenteżi kwadri.

(4) Billi l-mergħa permanenti għandha effett pożittiv ambjentali, hu xieraq li jkunu adottati miżuri biex jinkoraġixxu ż-żamma ta' mergħat permanenti eżistenti biex tiġi evitata konverżjoni massiva f'art li tinħarat."

9. Dawk l-għanijiet huma riflessi u kkonfermati fil-premessi 3 u 7 fil-preambolu għar-Regolament Nru 73/2009 fit-tieni sistema:

"(3) Ir-Regolament (KE) Nr 1782/2003 stabbilixxa l-prinċipju li l-bdiewa li ma jikkonformawx ma' ċerti ħtiġiet fl-oqsma tas-saħħa tal-pubbliku, tal-annimali u tal-pjanti, u l-ambjent u l-benessri tal-annimali huma soġġetti għal tnaqqis jew għal esklużjoni minn appoġġ dirett. Din is-sistema ta' "kundizzjonalità" tifforma parti integrali mill-appoġġ Komunitarju taħt il-pagamenti diretti u għalhekk għandha tinżamm. […]"

"(7) Ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003, irrikonoxxa l-effett ambjentali pożittiv ta' mergħat permanenti. Il-miżuri f'dak ir-Regolament li immirati biex tkun imħeġġa l-manutenzjoni ta' mergħat permanenti eżistenti biex jiġi żgurat kontra konverżjoni massiva f'art li tinħarat għandhom jinżammu."

10. Għar-rigward tad-dispożizzjonijiet sostantivi, l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 1782/2003 jirrikjedi li bidwi li jirċievi pagamenti diretti għandu jirrispetta b'mod partikolari l-"kundizzjoni agrikola u ambjentali tajba" stabbilita skont l-Artikolu 5. Fit-tieni sistema, dan ir-rekwiżit ġie mtenni fl-Artikolu 4(1), li jirreferi għall-kundizzjoni fl-Artikolu 6, tar-Regolament Nru 73/2009.

11. Il-kundizzjoni rilevanti hija stabbilita fl-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 u tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 73/2009, li jirrikjedu li l-Istati Membri "jiżguraw li l-art li kienet b'mergħa permanenti fid-data mniżżla fl-applikazzjonijiet għall-għajnuna għaż-żona tal-2003 tinżamm taħt mergħa permanenti". It-tieni subparagrafu ta' kull dispożizzjoni jippermetti lil Stat Membru li jidderoga mill-ewwel subparagrafu f'ċirkustanzi li jkunu debitament ġustifikati, "sakemm jieħu azzjoni biex jipprevjeni tnaqqis fiż-żona totali tagħha ta' mergħat permanenti".

12. Jekk wieħed jgħaddi mil-leġiżlazzjoni tal-Kunsill għar-regoli ta' implementazzjoni dettaljati, fl-ewwel sistema l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 796/2004 stabbilixxa l-obbligi tal-Istati Membri rigward iż-żamma tal-art għall-mergħat permanenti, kif previst fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1782/2003. B'mod partikolari, l-Artikolu 3(1) jirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw iż-żamma tal-proporzjon bejn l-art taħt mergħa permanenti relattivament għaż-żona agrikola totali, fil-livell nazzjonali jew reġjonali, filwaqt l-Artikolu 3(2) jirrikjedi li għandhom jiżguraw li l-proporzjon ma jitnaqqasx bi ħsara għall-art taħt mergħa permanenti b'iktar minn 10 % relattiv għall-proporzjon ta' referenza għall-2003. Fit-tieni sistema, ġew stabbiliti l-istess obbligi u rekwiżiti fl-Artikolu 3(1) u (2) tar-Regolament Nru 1122/2009.

13. Id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 4 huma prattikament identiċi fir-Regolament Nru 796/2004 u fir-Regolament Nru 1122/2009. Dan l-artikolu huwa intitolat "Żamma ta' art taħt mergħa permanenti f'livell individwali" u jinkludi l-paragrafi li ġejjin:

"1. Meta jiġi stabbilit li l-proporzjon imsemmi fl-Artikolu 3(1) ta' dan ir-Regolament qiegħed jonqos, l-Istat Membru konċernat għandu, f'livell nazzjonali jew dak reġjonali, jipprovdi għall-obbligu tal-bdiewa li qed japplikaw għall għajnuna li taqa' taħt kwalunkwe skema ta' pagament dirett elenkata fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 73/2009 biex ma jikkonvertux[8] l-art li taqa' taħt mergħa permanenti mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel.

[…]

2. Meta jiġi stabbilit li l-obbligu msemmi fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-Regolament ma jistax jiġi żgurat, l-Istat Membru konċernat għandu jipprovdi, apparti mill-miżuri li għandhom jittieħdu skont il-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, f'livell nazzjonali jew dak reġjonali, għall-obbligu tal-bdiewa li qed japplikaw għall-għajnuna li taqa' taħt kwalunkwe skema ta' pagament dirett elenkata fl-Anness I (għar-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew ir-Regolament Nru 73/2009, skont kif jista' jkun il-każ) biex art tiġi kkonvertita mill-ġdid f'art li taqa' taħt mergħa permanenti[9] għal dawk il-bdiewa li għandhom disponibbli għalihom art li kienet ġiet ikkonvertita[10] minn art li taqa' taħt mergħa permanenti f'art għal użijiet oħra.

[…]"

Definizzjonijiet

Il-leġiżlazzjoni dwar appoġġ dirett

14. Id-definizzjoni ta' "mergħa permanenti" essenzjalment hija l-istess fl-ewwel u fit-tieni sistema. Hija inkluża fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004 u fl-Artikolu 2(c) tar-Regolament Nru 1120/2009[11], li għalihom jagħmel riferiment l-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 1122/2009. Id-definizzjoni bażika hija "art li tintuża għat-tkabbir ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix b'mod naturali (biż-żriegħ waħdu) jew permezz ta' koltivazzjoni (miżrugħ) u li mhux inkluż fir-rotazzjoni tal-uċuh tar-raba tal-azjenda għal ħames snin jew aktar".

15. Ir-Regolament Nru 239/2005[12] żied l-Artikolu 2(2a) għar-Regolament Nru 796/2004, li jiddefinixxi "ħxejjex jew foraġġ ieħor erbaċew" bħala "il-pjanti kollha erbaċej li tradizzjonalment jinsabu f'mergħat naturali jew li normalment ikunu inklużi f'taħlitiet ta' żrieragħ għall-mergħat jew meded ta' art miżrugħa fl-Istat Membru (kemm jekk użati jew le għall-annimali li jirgħu)". L-istess kliem kien inkluż fl-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009[13].

8 — Fir-Regolament Nru 796/2004, differenti minn verżjonijiet oħra, fil-verżjoni bil-Ġermaniż ta' din id-dispożizzjoni jintuża l-verb "umbrechen", li tfisser tkisser (il-ħamrija), u għalhekk taħrat jew tikkoltiva (għall-ewwel darba). Fir-Regolament Nru 1122/2009, il-verb użat huwa "umwidmen" (litteralment, "tirrikwalifika"). Fejn il-verżjoni bl-Ingliż tuża l-verb sempliċi "tikkonverti", diversi verżjonijiet lingwistiċi oħra jirreferu speċifikament għal konverżjoni "għal użi oħrajn".

9 — Bil-Ġermaniż, fiż-żewġ regolamenti, "tikkonverti art f'art taħt mergħa permanenti" ġiet imfissra bħala "Flächen wieder als Dauergrünland einzusäen" (litteralment, "tiżra mill-ġdid żoni bħala mergħa permanenti").

10 — Il-verżjoni bil-Ġermaniż tuża għal darb'oħra l-verb "umbrechen" fiż-żewġ regolamenti.

11 — Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1120/2009 tad-29 ta' Ottubru 2009 li jippreskrivi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-iskema ta' pagament uniku li hemm provvediment dwarha fit-Titolu III tar-Regolament Nru 73/2009 (ĠU L 316, p. 1).

12 — Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 239/2005 tal-11 ta' Frar 2005 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 796/2004 (ĠU L 42, p. 3).

13 — L-Istati Membri kienu wkoll awtorizzati li jinkludu l-uċuħ elenkati fl-Anness IX għar-Regolament Nru 1782/2003 jew l-Anness I għar-Regolament Nru 1120/2009, skont il-każ. Dawn l-annessi jinkludu listi identiċi ta' numru ta' tipi ta' ċereali, żrieragħ taż-żejt, prodotti tal-proteini, kittien u qanneb, li normalment jistgħu ma jitqisux bħala mergħa. Madankollu, waqt is-seduta ntqal li l-Ġermanja ma għamlitx użu mill-possibbiltà li tinkludi tali uċuħ.

16. Barra minn hekk, fit-tieni sistema, l-Artikolu 2(d) tar-Regolament Nru 1120/2009 isemmi li "art bil-ħaxix [mergħa]" tfisser "art maħruta użata għall-produzzjoni tal-ħaxix (miżrugħ jew naturali);" għall-finijiet tal-Artikolu 49 tar-Regolament (KE) Nru 73/2009 "art bil-ħaxix" għandha tinkludi mergħat permanenti". L-Artikolu 2(b) jiddefinixxi "uċuh tar-raba permanenti" bħala "uċuh tar-raba li ma jitnewbux ħlief mergħat permanenti li jinsabu fuq art għall-ħames snin jew iżjed u jagħtu ħsad ripetut […]".

L-istħarriġ tal-istruttura ta' ażjendi agrikoli

17. Definizzjonijiet oħra li jistgħu (jew jistgħu ma jkunux) rilevanti wieħed jista' jsibhom fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/115[14] u l-Anness II għar-Regolament Nru 1200/2009[15], li ssostitwixxa d-Deċiżjoni 2000/115 b'effett mill-4 ta' Jannar 2010. Għal darb'oħra, id-definizzjonijiet huma essenzjalment l-istess fiż-żewġ każijiet. Distinzjoni waħda bejn iż-żewġ miżuri hija li l-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/115 jinkludi "definizzjonijiet" u "spjegazzjonijiet", filwaqt li, skont it-titolu tiegħu, l-Anness II għar-Regolament Nru 1200/2009 jinkludi biss "definizzjonijiet" — inklużi dawk li jissejħu "spjegazzjonijiet" f'tal-ewwel.

18. "Art li tinħadem" hija mfissra fit-Taqsima D tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/115 u fil-punt II.2.01 tal-Anness II għar-Regolament Nru 1200/2009 bħala "art maħduma (maħruta jew magħżuqa) regolarment, ġeneralment taħt sistema ta' newba (rotazzjoni)". Tal-ewwel imbagħad fissret li "sistema ta' newba (rotazzjoni) tfisser li l-uċuh fuq ċerta biċċa raba qegħdin isegwu uċuh oħra skont pjan pre-definit", filwaqt li t-tieni waħda tiddefinixxi n-newba tal-koltivazzjonijiet bħala "l-prassi tat-tinwib tal-kultivazzjonijiet annwali mkabbra f'għalqa speċifika f'mudell jew sekwenza ppjanata fi snin suċċessivi tal-koltivazzjonijiet sabiex il-koltivazzjonijiet tal-istess speċi ma jitkabbrux mingħajr waqfien fl-istess għalqa". It-tnejn li huma jkomplu: "Normalment il-kultivazzjonijiet jinbidlu darba fis-sena, iżda jistgħu jkunu wkoll multiannwali. Biex l-art li tista' tinħadem tiġi diskriminata minn ħsad permanenti jew art miksija bil-ħaxix permanenti u mergħat, jintuża limitu ta' ħames snin. Dan ifisser li jekk biċċa art tintuża għall-istess koltivazzjoni għal ħames snin jew aktar, mingħajr ma titneħħa fl-istess waqt il-koltivazzjoni preċedenti u tiġi stabbilita waħda ġdida, din ma tkunx ikkunsidrata bħala art li tinħadem."

19. Il-punt D.18(a) tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/115 jiddefinixxi "il-ħaxix temporanju" bħala "pjanti ta' ħaxix għall-irigħ, tiben jew ħażna inklużi bħala parti minn rotazzjoni ta' ħsad normali, li jservu għall-inqas għal sena ta' ħsad u inqas minn ħames snin, miżrugħa ma' ħaxix jew taħlit ta' ħaxix. Dawn iz-żoni huma maħduma billi jinħartu jew jintgħażqu jew il-pjanti jinqerdu b'mezzi oħra bħal erbiċidi qabel ma jerġgħu jiġu miżrugħa jew imħawla mill-ġdid." Dan jispjega li "taħlitiet ta' pjanti predominentement tal-ħaxix u ħsad ieħor għall-irigħ (normalment leguminużi), mirgħa, maħduda ħodor jew bħala tiben niexef jiġu inklużi hawn", iżda mhux "ħsad ta' ħaxix annwali (li jdumu inqas minn sena ta' ħsad)".

20. It-Taqsima F iddefiniet "art miksija bil-ħaxix u għelieqi tal-ħaxix permanenti" bħala "art użata permanentement (għal ħames snin jew iktar) biex jitkabbar ħsad ta' għalf erbaċej permezz ta' koltivazzjoni (miżrugħa) jew naturalment (miżrugħ minnu nnifsu) u li mhux inkluż fir-rotazzjoni tal-ħsad fuq l-impriża", u spjegat li hija "tista' tintuża għall-irigħ jew tinħarat għall-ħżin jew tiben".

14 — Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/115/KE tal-24 ta' Novembru 1999 dwar id-definizzjonijiet tal-karatteristiċi, il-lista tal-prodotti agrikoli, l-eċċezzjonijiet għad-definizzjonijiet u r-reġjuni u d-distretti rigward l-istħarriġ tal-istruttura ta' ażjendi agrikoli (ĠU L 38, p. 1), kif emendata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1444/2002 tal-24 ta' Lulju 2002 (ĠU L 216, p. 1).

15 — Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2009, tat-30 ta' Novembru 2009, li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1166/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar stħarriġ ta' strutturi tal-farms u l-istħarriġ dwar metodi ta' produzzjoni agrikola, fir-rigward tal-koeffiċjenti ta' unitajiet tal-bhejjem u d-definizzjonijiet tal-karatteristiċi (ĠU L 329, p. 1).

21. Il-punti II.2.01.09.01 u II.2.03 tal-Anness II għar-Regolament Nru 1200/2009 essenzjalment jiddefinixxu "ħaxix temporanju" u "art miksija bil-ħaxix b'mod permanenti" rispettivament bl-istess mod bħall-kontropartijiet tagħhom fl-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/115. Madankollu, l-esklużjoni ta' "ħsad ta' ħaxix annwali (li jdumu inqas minn sena ta' ħsad)" minn "ħaxix temporanju" ma hijiex ripetuta hawnhekk, u "l-produzzjoni ta' enerġija rinovabbli" hija miżjuda mal-użi possibbli ta' "art miksija bil-ħaxix b'mod permanenti".

Il-leġiżlazzjoni Ġermaniża

22. Il-Federal Direktzahlungen-Verpflichtungengesetz (il-Liġi dwar l-obbligi relatati mal-pagamenti diretti) tal-21 ta' Lulju 2004 timplementa r-Regolament Nru 1782/2003 u l-miżuri li ġew adottati għall-applikazzjoni tagħha, b'attenzjoni partikolari għaż-żamma ta' mergħa permanenti fuq ażjendi agrikoli li jagħmlu talbiet għal pagamenti diretti. Din tagħmel referenza b'mod dinamiku għall-verżjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli fi kwalunkwe żmien rilevanti u nġiebet tikkonforma mat-testi riveduti fl-2009. Skont il-paragrafu 3(1) ta' dik il-liġi, il-Länder huma responsabbli biex jiżguraw li l-proporzjon ta' mergħa permanenti ma tonqosx b'mod sinjifikanti. Skont il-paragrafu 5(3)(1), huma għandhom is-setgħa li jipprojbixxu jew li jillimitaw il-ħrit [16] ta' mergħat fejn il-proporzjon ta' mergħa permanenti jkun naqas b'iktar minn 5 %.

23. Abbażi ta' dan, il-Land ta' Schleswig-Holstein adottat il-Landesverordnung zur Erhaltung von Dauergrünland ("Regolament dwar iż-Żamma ta' Mergħat Permanenti") tat-13 ta' Mejju 2008. Skont il-paragrafu 1(1) ta' dan ir-regolament, jekk jiġi stabbilit abbażi ta' applikazzjonijiet individwali għal ħlasijiet uniċi lil ażjendi agrikoli li l-proporzjon ta' mergħat permanenti jkun naqas b'iktar minn 5 %, l-awtorità kompetenti għandha tagħmel dikjarazzjoni pubblika f'dan is-sens. Skont il-paragrafu 2(1), ladarba dik id-dikjarazzjoni tkun ġiet ippubblikata, il-bdiewa li jagħmlu talba għal għajnuna diretta ma jistgħux jaħartu [17] mergħat permanenti, kif imfissra fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004, sakemm ikunu qegħdin jirċievu għajnuna diretta. Madankollu, il-paragrafu 2(2) jippermetti lill-awtorità kompetenti li tawtorizza tali ħart b'deroga mill-paragrafu 2(1). Differenti mill-liġi Federali, ir-Regolament dwar iż-Żamma ta' Mergħat Permanenti jagħmel referenza biss u speċifikament għar-Regolament Nru 796/2004, pjuttost milli l-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli fiż-żmien rilevanti, u apparentement ma ġiex aġġornat wara l-introduzzjoni tat-tieni sistema.

24. Fit-23 ta' Ġunju 2008, l-awtorità kompetenti ddikjarat li l-proporzjon tal-mergħat permanenti kien naqas b'iktar minn 5 % fi Schleswig-Holstein; għalhekk il-projbizzjoni skont il-paragrafu 1(1) tar-Regolament dwar iż-Żamma ta' Mergħat Permanenti bdiet tapplika mill-ġurnata ta' wara.

Il-fatti, il-proċedura u d-domanda magħmula

25. Skont ir-rendikont mogħti fid-digriet tar-rinviju, M. Grund huwa bidwi f'Schleswig-Holstein u kull sena japplika għas-sussidji agrikoli. Fl-applikazzjonijiet tiegħu huwa indika li, mill-1998 u l-1999 'il quddiem, huwa kien qiegħed jikkoltiva silla (Ackergras) f'żewġ għelieqi (Hohenkamp u Herrbusch). Fl-2005 huwa poġġa taħlita ta' silla/ħaxix (Kleegras) fiż-żewġ għelieqi bi żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel wara skarifikazzjoni [18] u, mill-2005 sal-2008, innotifikahom bħala taħlita ta'

16 — Il-verb użat huwa "umbrechen", li jikkorrispondi, fil-verżjoni bil-Ġermaniż tar-Regolament Nru 796/2004, ma' "tikkonverti (għal użu differenti)" jew l-ekwivalenti tiegħu f'ilsna oħrajn.

17 — Il-verb użat huwa għal darb'oħra "umbrechen".

18 — Il-qorti tar-rinviju użat il-verb "einschlitzen".

silla/ħaxix. Fl-2009 t-tnejn ġew użati mill-ġdid għas-silla. Fl-2010 Hohenkamp kienet ġiet mikrija u minn dakinhar kienet is-suġġett ta' applikazzjoni għal sussidji bħala għalqa tal-ħaxix. Mill-2010 f'Herrbusch ġie kkoltivat qamħirrum li jinħażen f'sajlo, skont awtorizzazzjoni li bi skambju magħha żona oħra kellha titqiegħed fl-użu bħala mergħa permanenti [19].

26. B'ittra tad-9 ta' Jannar 2009 il-Landesamt für Landwirtschaft, Umwelt und ländliche Räume des Landes Schleswig-Holstein (uffiċċju reġjonali għall-agrikoltura, l-ambjent u żoni rurali għal-Land ta' Schleswig-Holstein, iktar 'il quddiem il-"Landesamt") informa lil M. Grund li kien ikklassifika mill-ġdid l-għelieqi bħala mergħat permanenti peress li kienu ġew użati b'mod mhux interrott bħala mergħat mill-1998 sal-2008. Dan irrileva wkoll li l-projbizzjoni skont ir-Regolament dwar iż-Żamma ta' Mergħat Permanenti kienet tapplika għall-għelieqi.

27. M. Grund ikkontesta dik ir-riklassifikazzjoni (apparentament għaliex huwa seta' jikri Hohenkamp b'kera ogħla bħala art li tinħadem), u sostna primarjament li l-art ma kinitx mergħa permanenti. Art li fiha kienet ikkoltivata silla ma kinitx mergħa permanenti, għaliex wara sena jew sentejn tintuża għalhekk, din setgħet tinħarat [20]. Mergħa permanenti hija art li tinżera' b'mod permanenti bl-istess ħaxix. Il-valur ekoloġiku speċifiku assoċjat ma' dan ma jiġix mogħti lil art li tiġi miżrugħa b'ħaxix tal-għelieqi. Fi kwalunkwe każ, bidla minn taħlita ta' silla/ħaxix għal ħaxix jew viċi-versa kienet rotazzjoni tal-uċuħ li teskludi l-ħolqien ta' mergħa permanenti u li ttemm l-użu eżistenti bħala mergħa permanenti.

28. Il-Landesamt sostna li art miżrugħa b'silla li tiġi maħruta regolarment setgħet tkun ekwiparata ma' mergħat naturali permanenti. Il-fattur deċiżiv kien li jiġi kkoltivat l-istess tip ta' wiċċ mingħajr ebda interruzzjoni; inkella sseħħ rotazzjoni tal-uċuħ. Iżda wara li s-silla tkun ġiet ikkoltivata b'mod mhux interrott fiż-żewġ żoni matul perijodu ta' ħames snin dawn kienu jikkostitwixxu mergħat permanenti irrispettivament miż-żriegħ sussegwenti ta' taħlita ta' silla/ħaxix.

29. It-talba ta' M. Grund ġiet miċħuda fl-ewwel istanza abbażi tal-fatt li, peress li kien ikkoltiva ħaxix tal-għelieqi għal mill-inqas ħames snin fiż-żewġ għelieqi sal-2003 jew 2004, dawn kienu jikkostitwixxu mergħa permanenti. Dak l-istatus, ladarba ġie miksub, ma kienx mitluf b'rotazzjoni tal-uċuħ ta' għalf fil-forma ta' ħaxix differenti. L-appell ta' M. Grund mis-sentenza ġie miċħud abbażi tal-fatt li, irrispettivament minn x'jiġri meta jkun hemm bidla minn ħaxix jew għalf fil-forma ta' ħaxix għal uċuħ tar-raba oħra, bidla minn ħaxix għal għalf fil-forma ta' ħaxix ieħor ma taffettwax il-karatteristiċi ta' mergħat permanenti eżistenti.

30. L-appell ulterjuri ta' M. Grund fuq punt ta' liġi issa jinsab quddiem il-qorti tar-rinviju, li qiegħda titlob li tingħata deċiżjoni dwar id-domanda:

"Art agrikola hija mergħa permanenti fis-sens tal-Artikolu 2(2) tar-[Regolament Nru 796/2004], jekk bħalissa u għal mill-inqas ħames snin ilha tintuża' sabiex jitkabbru ħxejjex jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix, iżda matul dan il-perijodu, l-art f'din iż-żona inħartet u minflok l-għalf fil-forma ta' ħaxix preżenti [preċedenti] (f'dan il-każ silla) ġie miżrugħ għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix (f'dan il-każ ħaxix li jinħarat), jew dan huwa każ ta' rotazzjoni tal-uċuh tar-raba li tipprekludi l-klassifikazzjoni bħala mergħat permanenti?"

31. M. Grund, il-Landesamt, il-Gvern Ġermaniż u l-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub u għamlu sottomissjonijiet orali waqt is-seduta li saret fis-6 ta' Frar 2014.

19 — Ara t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 u tal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Nru 73/2009, iċċitat fil-punt 11 iktar 'il fuq.

20 — Il-qorti tar-rinviju hawnhekk tuża l-verb "umbrechen".

Il-leġiżlazzjoni tal-UE applikabbli

32. Il-Kummissjoni tissottometti li, *ratione temporis*, tapplika t-tieni sistema ta' appoġġ dirett, mhux l-ewwel waħda, peress li l-istatus taż-żewġ għelieqi inkwistjoni għandu jiġi ddeterminat skont kif kien fl-2010 u fl-2011 rispettivament. Il-Landesamt jieħu l-pożizzjoni li, peress li r-Regolament dwar iż-Żamma ta' Mergħat Permanenti jagħmel riferiment għar-Regolament Nru 796/2004, id-dispożizzjonijiet tal-ewwel sistema huma dawk li għandhom jiġu interpretati. M. Grund jaċċetta li r-riferiment huwa għar-Regolament Nru 796/2004 iżda jirrileva li s-supremazija tad-dritt tal-UE għandha tfisser li t-tieni sistema tapplika direttament. Il-Gvern Ġermaniż iqis li d-domanda hija immaterjali, peress li d-definizzjonijiet huma essenzjalment l-istess fiż-żewġ sistemi.

33. Fil-fehma tiegħi huwa ċar li, għalkemm fil-proċeduri nazzjonali l-istatus tal-għelieqi għandu jiġi determinat kif kien fl-2010 u fl-2011 rispettivament, hija l-leġiżlazzjoni tal-UE fis-seħħ f'dawk iż-żminijiet — jiġifieri dik tat-tieni sistema — li għandha tiġi interpretata u applikata. Il-fatt li r-Regolament dwar iż-Żamma ta' Mergħat Permanenti jibqa' jagħmel riferiment għar-Regolament Nru 796/2004 ma huwa ta' ebda rilevanza. Il-leġiżlazzjoni nazzjonali ma tistax testendi l-validità jew l-effetti ta' leġiżlazzjoni tal-UE direttament applikabbli li ġiet imħassra u ssostitwita.

34. Madankollu, mid-digriet tar-rinviju jidher li l-proċeduri prinċipali jikkonċernaw fl-ewwel lok kontestazzjoni ta' deċiżjoni li ttieħdet fid-9 ta' Jannar 2009. F'dak il-punt, il-leġiżlazzjoni li kienet tinkorpora t-tieni sistema kienet għadha ma ġietx adottata, għalkemm ir-Regolament Nru 73/2009, meta daħal fis-seħħ fl-1 ta' Frar 2009, sar applikabbli mill-1 ta' Jannar 2009 [21] (ir-Regolamenti Nru 1120/2009 u Nru 1122/2009 ma daħlux fis-seħħ qabel l-1 ta' Jannar 2010). F'dawn iċ-ċirkustanzi, jekk il-punt inkwistjoni huwa l-validità ta' deċiżjoni meħuda fid-9 ta' Jannar 2009, hemm każ ċar li tiġi invokata l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-ewwel sistema. Madankollu, id-determinazzjoni tad-data materjali fir-rigward ta' kull għalqa hija kwistjoni ta' liġi proċedurali nazzjonali, li dwarha din il-Qorti ma hijiex kompetenti li tiddeċiedi.

35. Fortunatament, hekk kif ġie rrilevat mill-Gvern Ġermaniż u mill-Kummissjoni, ma hemmx differenza materjali bejn iż-żewġ gruppi ta' leġiżlazzjoni tal-UE sa fejn jikkonċernaw id-domanda magħmula, u għalhekk ma jidhirx li tqum xi problema attwali ta' xi diverġenza ta' interpretazzjoni. Għalhekk, hija l-qorti tar-rinviju li għandha tiddetermina, fil-kuntest tal-proċeduri quddiemha, liema regolamenti tal-UE speċifiċi huma rilevanti.

Kwistjonijiet anċillari

36. Il-Landesamt iqajjem żewġ punti li ma humiex imsemmija fid-digriet tar-rinviju, u li jixtieq li jiġu kkunsidrati mill-Qorti tal-Ġustizzja. L-ewwel nett, għalkemm ġie ddeterminat li l-konverżjoni minn silla għal taħlita ta' silla/ħaxix fl-2005 saret biż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel wara skarifikazzjoni, ma ġiex stabbilit li l-konverżjoni lura għas-silla fl-2009 ma kinitx sempliċement ir-riżultat ta' tnaqqis naturali fil-proporzjon tas-silla. It-tieni nett, hemm kwistjoni ulterjuri bejn il-partijiet fil-proċeduri prinċipali, jiġifieri jekk l-istatus ta' mergħat permanenti kienx diġà nkiseb bejn l-1998 jew l-1999 u l-2004; M. Grund isostni li, b'finzjoni legali, dak li jgħodd huwa d-dikjarazzjoni tiegħu tal-għelieqi bħala art li tinħadem fl-2003 [22], filwaqt li l-Landesamt iqis li huwa biss l-użu reali tagħhom bħala mergħat li huwa rilevanti.

21 — L-Artikolu 149 tar-Regolament Nru 73/2009.

22 — L-Artikolu 3(4)(a) kemm tar-Regolament Nru 796/2004 u tar-Regolament Nru 1122/2009 jistipula li "l-art li taqa' taħt mergħa permanenti għandha tkun l-art li taqa' taħt mergħa permanenti ddikjarata mill-bdiewa fl-2003".

37. Ma nqisx li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha teżamina fil-proċeduri prinċipali jekk il-klassifikazzjoni tal-għelieqi għandhiex tkun ibbażata fuq l-użu reali jew, permezz ta' "funzjoni legali", fuq id-dikjarazzjoni tal-2003. Huwa punt li ma huwiex relatat mad-domanda magħmula u li dwaru ma kien hemm ebda argument. Barra minn hekk, mill-osservazzjonijiet tal-Landesamt jidher li din il-kwistjoni tqajmet quddiem il-qrati inferjuri iżda ma tifformax parti mill-appell li fil-preżent jinsab quddiem l-qorti tar-rinviju. Jekk, wara d-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-każ preżenti u d-deċiżjonijiet sussegwenti li jittieħdu fil-proċeduri nazzjonali, dik il-kwistjoni tkun għadha trid tiġi deċiża, il-qorti nazzjonali rilevanti tista' tirrinvija domanda ulterjuri kif ikun xieraq.

38. Madankollu, jekk mergħa tkun tista' tinbidel b'mod naturali minn taħlita ta' silla/ħaxix għal ħaxix waħdu, dan huwa punt li jista' jkun rilevanti meta jiġi determinat x'jikkostitwixxi rotazzjoni tal-uċuħ għall-kuntrarju taż-żamma ta' mergħa permanenti.

Is-sustanza

39. M. Grund u l-Gvern Ġermaniż jipproponu li r-risposta għad-domanda li saret tkun fis-sens li fiċ-ċirkustanzi msemmija hemm rotazzjoni ta' uċuħ u l-art ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala mergħa permanenti, filwaqt li l-Landesamt u l-Kummissjoni jipproponu r-risposta kontrarja. Jien ser nagħti deskrizzjoni tal-argumenti opposti qabel ma nevalwa l-kwistjoni.

Argumenti favur it-telfien tal-istatus ta' mergħa permanenti

40. M. Grund josserva li, fir-Regolament Nru 796/2004, "mergħa permanenti" tiġi mfissra fis-sens li hija differenti minn "art li tinħadem" soġġetta għal "rotazzjoni tal-uċuħ", terminu li ma huwiex definit fil-leġiżlazzjoni dwar appoġġ dirett. Madankollu għal għanijiet amministrattivi u agrikoli, tiġi użata d-definizzjoni ta' rotazzjoni tal-uċuħ fid-Deċiżjoni 2000/115. Din timplika l-alternanza tal-uċuħ, jekk mhux ta' kull sena, tal-inqas iktar minn darba kull ħames snin. F'dak il-kuntest, is-silla u s-sikrana, pereżempju, huma wċuħ differenti. Il-wiċċ tal-ħaxix ma hemmx għalfejn jiġi distrutt — id-definizzjoni ma teħtieġx il-ħrit u tista' tinkludi ż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel. Id-definizzjoni ta' ħaxix temporanju fil-punt II.2.01.09.01 tal-Anness II għar-Regolament Nru 1200/2009 tagħmilha ċara li l-alternanza ta' taħlitiet ta' ħaxix tikkostitwixxi rotazzjoni tal-uċuħ.

41. B'kuntrast ma' dan, l-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 796/2004 jimplika li mergħa permanenti hija dik li fuqha jkun inżamm l-istess tip ta' għalf fil-forma ta' ħaxix għal mill-inqas ħames snin u kull bidla għal xi tip ieħor tinterrompi l-perijodu ta' ħames snin. L-għan huwa wieħed ekoloġiku. Il-ħrit ta' mergħat jirrilaxxa l-karbonju u n-nitroġenu fi kwantitajiet li jiżdiedu matul iż-żmien meta l-art titħalla mhux iddisturbata. Huwa biss meta l-istess wiċċ ta' ħaxix ikun tħalla mhux disturbat għal iktar minn ħames snin li l-benefiċċji ambjentali, b'mod partikolari l-biodiversità, ikunu sinjifikanti biżżejjed li jiġġustifikaw protezzjoni.

42. Il-Gvern Ġermaniż josserva li, biex l-għelieqi inkwistjoni jiġu kklassifikati bħala mergħat permanenti, iridu jiġu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet matul il-perijodu ta' ħames snin qabel id-data rilevanti: irid jitkabbar ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix, u ma jrid ikun hemm ebda rotazzjoni tal-uċuħ. Ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel kundizzjoni ġiet issodisfatta; il-mistoqsija hija jekk kienx hemm rotazzjoni ta' uċuħ matul il-perijodu rilevanti.

43. "Ir-rotazzjoni tal-uċuħ" ma hijiex definita fil-leġiżlazzjoni dwar l-appoġġ dirett, iżda tista' ssir it-traspożizzjoni ta' definizzjonijiet fl-annessi għad-Deċiżjonijiet 2000/115 jew għar-Regolament Nru 1200/2009. Iż-żewġ gruppi ta' miżuri huma bbażati fuq l-istess kunċett ta' mergħa permanenti, u għalhekk il-kunċett ta' rotazzjoni tal-uċuħ għandu jkun l-istess ukoll; ma jkunx raġonevoli li r-rotazzjoni tal-uċuħ tiġi mfissra b'mod differenti fiż-żewġ kuntesti mingħajr ebda ġustifikazzjoni oġġettiva, u fil-fatt ma hemmx.

44. Ir-rotazzjoni tal-uċuħ tinvolvi d-distruzzjoni tal-wiċċ il-qadim u ż-żriegħ ta' wieħed ġdid, f'intervalli ta' mhux iktar minn ħames snin. Is-sostituzzjoni ta' ħaxix li jinħarat b'taħlita ta' silla/ħaxix tikkwalifika bħala bidla tal-uċuħ, bis-silla tradizzjonalment tintuża biex tarrikkixxi l-ħamrija bin-nitroġenu. Ma hemmx xejn fid-dritt tal-UE li jissuġġerixxi li l-alternanza bejn uċuħ differenti ta' għalf fil-forma ta' ħaxix ma jikkostitwixxix rotazzjoni tal-uċuħ. Ir-riferimenti għal konverżjoni bejn mergħat permanenti u użi oħrajn ma jikkonċernawx l-alternanza bejn tipi differenti ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix; l-għan tal-leġiżlazzjoni dwar appoġġ dirett (l-Artikoli 5(2) tar-Regolament Nru 1782/2003 u 6(2) tar-Regolament Nru 73/2009) huwa li tinżamm art taħt mergħa minflok ma tintuża bħala art li tinħadem, bit-tnejn li huma meqjusa bħala kunċetti wesgħin (il-leġiżlazzjoni dwar l-istatistika agrikola teskludi ħaxix *temporanju* minn mergħat permanenti, u għalhekk tinkludih f'art li tinħadem). L-għan huwa espressament wieħed ambjentali kemm fir-Regolament Nru 1782/2003 u r-Regolament Nru 73/2009; il-benefiċċji ekoloġiċi tal-mergħa (il-biodiversità, il-kontenut għoli ta' humus, l-iffissar ikbar ta' CO_2) jintleħqu biss wara ħames snin mingħajr ħrit u żriegħ ta' wiċċ ieħor. Il-proċeduri prinċipali jikkonċernaw sitwazzjoni fejn uċuħ (ħaxix li jinħarat u taħlita ta' silla/ħaxix) alternaw f'intervalli ta' inqas minn ħames snin. Għalhekk kien hemm rotazzjoni tal-uċuħ u l-klassifikazzjoni bħala mergħa permanenti hija eskluża.

Argumenti favur iż-żamma tal-istatus ta' mergħa permanenti

45. Il-Landesamt iqis, l-ewwel nett, li mill-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004 isegwi li l-ħrit ma jġibx fit-tmiem l-użu ta' art bħala mergħa jekk ikun segwit b'użu għal darb'oħra bħala mergħa. Dik id-dispożizzjoni ma tagħmilx riferiment għal xogħol imwettaq fuq l-art iżda għall-użu li jsir minnha. L-Artikolu 4(1) ta' dak ir-regolament (u b'mod iktar ċar, fil-verżjoni bil-Ġermaniż, tar-Regolament Nru 1122/2009) jirreferi għall-konverżjoni għal użu ieħor. L-Artikolu 4(2) tar-Regolament Nru 796/2009 jikkonferma dan billi jirreferi (fil-verżjoni bil-Ġermaniż) għal art maħruta biex tiġi użata għal skopijiet oħrajn. Id-definizzjoni fl-Artikolu 2(2) tikkonferma wkoll, bir-riferiment għall-koltivazzjoni ta' għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix, li ma hemmx għalfejn li l-mergħa permanenti tintuża għall-irigħ iżda tista' wkoll tiġi maħsuda, proċedura li, minn perspettiva ekoloġika, ma hijiex ta' iktar benefiċċju mill-ħrit.

46. It-tieni nett, il-fatt li jkun hemm bidla fit-*tip ta' użu* bħala mergħa ma jinterrompix il-perijodu ta' *użu* bħala mergħa. L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004 jagħmel kuntrast bejn "it-tkabbir ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" ma' "rotazzjoni tal-uċuħ". Għalhekk, jekk jitkabbru ħxejjex *jew* għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix (anki jekk b'mod li jalterna, ma jkun hemm l-ebda rotazzjoni tal-uċuħ. L-Artikolu 4(2) ikompli jikkontrasta "art taħt mergħa permanenti" (li fuqha jitkabbru ħxejjex jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix) ma' "art użata għal għanijiet oħrajn" (jiġifieri, kull għan ieħor għajr it-tkabbir ta' ħxejjex jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix) u (fil-verżjoni bil-Ġermaniż) jirreferi għal żriegħ mill-ġdid jekk art użata għal għanijiet oħrajn tiġi konvertita lura għal mergħa permanenti — riferiment li jista' jfisser biss li l-art ma kinitx miżrugħa bi ħxejjex jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix (l-idea ta' rikonverżjoni li għandha l-istess implikazzjoni f'verżjonijiet lingwistiċi oħrajn). B'kuntrast, żewġ użi suċċessivi bħala mergħa permanenti għandhom jitqiesu bħala użu kontinwat għal dak il-għan. Għar-rigward tal-ispjegazzjoni ta' "rotazzjoni tal-uċuħ" fil-punt 2.01 tal-Anness II għar-Regolament Nru 1200/2009 (jew punt D.II tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/115), li hija relatata biss ma' stħarriġ tal-UE fuq strutturi agrikoli u ma hija ta' ebda rilevanza għall-obbligu li tinżamm mergħa permanenti; fi kwalunkwe każ, din ma tispeċifikax jekk "uċuħ" tfissirx uċuħ speċifiċi jew kategorija ta' wċuħ.

47. Fl-aħħar nett, il-Landesamt jissottometti li, anki jekk bidla għal uċuħ ta' għalf fil-forma ta' ħaxix differenti kellu jitqies li jinterrompi l-perijodu ta' ħames snin għall-kisba ta' status ta' mergħa permanenti, din ma għandhiex titqies li tittermina dak l-istatus ladarba jkun inkiseb.

48. Il-Kummissjoni taqbel li kemm il-ħaxix li jinħarat u t-taħlita ta' silla/ħaxix miżrugħa fuq l-art inkwistjoni jikkostitwixxu "ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix". Il-kwistjoni hija jekk l-alternanza bejn it-tnejn tikkostitwixxix "rotazzjoni tal-uċuħ". Dak il-kliem ma huwiex imfisser fil-leġiżlazzjoni rilevanti, u għalhekk, b'mod konformi ma' ġurisprudenza konsistenti, dawn għandhom jiġu interpretati b'riferiment għat-tifsira komuni tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jingħata qies ukoll tal-kuntest fejn iseħħu u l-għanijiet tar-regoli li jiffurmaw parti minnhom.

49. Kif ġie osservat mill-qorti tar-rinviju, it-tifsira komuni ta' "rotazzjoni tal-uċuħ" fil-lingwaġġ ta' kuljum tinvolvi bidla minn uċuħ għal oħrajn, u tista' titqies minn uħud li tinkludi l-bidla inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali.

50. Madankollu, il-kuntest sistematiku li fih jiġi użat dan it-terminu jtendi li jindika li "rotazzjoni tal-uċuħ" ma tinkludix tali bidla. Id-definizzjoni ta' "mergħa permanenti" fl-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009 tinkludi kull tip ta' ħaxix jew ta' għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix, u għalhekk bidla minn tip għal ieħor ma taffettwax il-klassifikazzjoni bħala mergħa permanenti. L-Artikolu 2(b) jindika li "mergħa permanenti" hija subdiviżjoni ta' "uċuħ permanenti" iżda ma għandhiex tiġi subdiviża ulterjorment, kif ikkonfermat bil-kunċett taż-żamma ta' mergħat permanenti kif stipulat fl-Artikolu 4(1) u (2) tar-Regolament Nru 1122/2009, jiġifieri li tiġi evitata l-konverżjoni għal tip ieħor ta' wċuħ minbarra mergħat permanenti. Verżjonijiet lingwistiċi oħrajn f'dan ir-rigward huma iktar ċari minn dik Ġermaniża. Mill-użu tan-nom "Umbruch" jew tal-verb "umbrechen" ma jistax jiġi konkluż li l-ħrit waħdu (mingħajr bidla għal tip ieħor ta' wċuħ) jikser il-kontinwità ta' mergħa permanenti.

51. L-għan taż-żamma ta' mergħa permanenti huwa bbażat fuq riċerka xjentifika li turi li l-mergħa permanenti għandha b'mod ġenerali effett pożittiv fuq it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra, il-prevenzjoni tal-erożjoni tal-ħamrija u s-sosteniment tal-bijodiversità. L-effett jibqa' l-istess meta żona ta' mergħa permanenti tiġi mibdula minn tip ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix għal ieħor. Għalhekk, il-bidla inkwistjoni fil-proċeduri prinċipali ma għandha l-ebda rilevanza fuq il-klassifikazzjoni kontinwata bħala mergħa permanenti.

Evalwazzjoni

52. Id-definizzjoni ta' mergħat permanenti fil-leġiżlazzjoni dwar l-appoġġ dirett, "art li tintuża sabiex jitkabbar il-ħaxix jew foraġġ erbaċew ieħor naturali (li jitla' waħdu) jew permezz ta' koltivazzjoni (li jkun inżera') u li ma ġietx inkluża fin-newba tal-uċuħ tar-raba tal-impriża għal ħames snin jew iktar"[23] tinkludi żewġ kundizzjonijiet. Filwaqt li "ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" huma definiti (flimkien, bħala kategorija)[24], (kategoriji ta') uċuħ oħrajn ma humiex definiti b'dan il-mod. F'dik il-leġiżlazzjoni lanqas hemm definizzjoni tat-terminu "rotazzjoni tal-uċuħ". In-nuqqas ta' definizzjoni ta' "rotazzjoni tal-uċuħ" tfisser — kif juru ampjament l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja — li huwa possibbli li d-definizzjoni ta' "mergħa permanenti" tiġi analizzata b'diversi modi. Dak li jgħodd huwa l-użu li jsir mill-art: it-tkabbir ta' "ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" pjuttost milli wċuħ (oħrajn)?[25] Jew huwa dak li jsir lill-art — jiġifieri, liema tekniki

23 — L-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 796/2004 u l-Artikolu 2(ċ) tar-Regolament Nru 1120/2009.

24 — Ara l-punt 10 iktar 'il fuq; ara wkoll il-punt 11 fir-rigward ta' "art bil-ħaxix [mergħa]", u "uċuħ permanenti".

25 — Ir-rotazzjoni tal-uċuħ ta' tip primittiv kienet diġà tiġi pprattikata fi żminijiet medjevali. Tipikament din tista' tkun ibbażata fuq rotazzjoni għal strippi ta' tliet snin fejn (per eżempju) jinżera' l-qamħ, segwit bix-xgħir, u l-art imbagħad kienet titħalla mistrieħa għal sena biex tirkupra. Normalment jingħata kreditu għall-użu mifrux tar-rotazzjoni "moderna" tal-uċuħ lil Charles Townshend, it-tieni Viskonti Townshend (1674–1738), li kien introduċa f'Norfolk forma ġdida ta' 4-wċuħ li diġà kienu pijunieri tagħha bdiewa fir-reġjun ta' Waasland tal-Pajjiżi l-Baxxi. Townshend kien żied il-pitravi u s-silla mal-uċuħ tradizzjonali tal-qamħ u x-xgħir (għalhekk il-laqam tiegħu, "Turnip Townshend") u kien ta direzzjoni biex ir-rotazzjoni tkun tkopri erba' għelieqi individwali minflok strippi dojoq. Ir-rotazzjoni neħħiet il-ħtieġa li l-art titħalla mistrieħa (u għalhekk mhux produttiva) sabiex tirkupra l-fertilità tagħha, għaliex in-noduli tas-silla (xi kultant magħrufa għal din ir-raġuni bħala "demel aħdar") "jiffissaw" in-nitrati fil-ħamrija u għalhekk ipoġġu lura dak li wċuħ oħra bħall-qamħ u x-xgħir joħorġu 'l barra. L-innovazzjoni ta' Townshend kienet ikkupjata b'mod wiesa' u tat kontribut ewlieni għar-Rivoluzzjoni Agrikola li ġiet qabel ir-Rivoluzzjoni Industrijali.

jiġu applikati għaliha? Il-ħaxix li jinħarat (Ackergras) u taħlita ta' silla/ħaxix (Kleegras) jgħoddu bħala l-istess uċuħ (għaliex it-tnejn li huma jaqgħu fi ħdan id-definizzjoni ta' "ħaxix u għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" [26])? Jew huma wċuħ differenti, biex b'hekk bidla minn wieħed għall-ieħor tgħodd bħala rotazzjoni tal-uċuħ?

53. Mistoqsija oħra tista' tkun: "L-ordni li fih huma elenkati ż-żewġ kundizzjonijiet fir-Regolament għandu xi sinjifikat? Jekk għandu, wieħed għandu jistaqsi l-ewwel: 'Din l-art fil-preżent hija bil-'ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix'?' Jekk it-tweġiba għal dik id-domanda hija fl-affermattiv, wara wieħed għandu jkompli jistaqsi: 'Dak huwa l-użu kurrenti għaliex l-art qiegħda titħaddem taħt sistema ta' rotazzjoni tal-uċuħ — biex b'hekk l-uċuħ preżenti jiġu sostitwiti (b'xiex? b'uċuħ fl-istess kategorija jew b'uċuħ differenti?) — jew il-'ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix' ilu jikber hemmhekk għal iktar minn ħames snin?" Jekk huwa tal-aħħar, l-art hija mergħa permanenti.

54. F'dan il-punt, huwa importanti li jiġi enfasizzat li ma kien hemm ebda xhieda esperta quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja dwar (a) x'inhuma l-għan u l-karatteristiċi essenzjali tar-rotazzjoni tal-uċuħ skont l-agronomisti u (b) jekk bidla bejn ħaxix u għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix tkunx koperta minn dan l-għan jew dawn il-karatteristiċi. Għal din ir-raġuni, ma nħossx li nista' nibbaża l-analiżi li ssegwi fuq suppożizzjoni (għaliex tista' ma tkun xejn iktar minn hekk) li l-leġiżlatur "ried ifisser" li wieħed għandu jinterpreta "ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" b'kuntrast għal "uċuh oħrajn", biex b'hekk bidla fl-ambitu tal-ewwel kategorija ma tista' qatt tgħodd bħala rotazzjoni tal-uċuħ.

55. Għalhekk, il-punt tat-tluq tiegħi huwa, biex art tkun ikklassifikata bħala mergħa permanenti, iridu jkunu ġew issodisfatti żewġ kundizzjonijiet: l-art trid tkun taħt "ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" għal mill-inqas ħames snin *u* din ma tridx tkun inkluża fir-rotazzjoni tal-uċuħ tal-ażjenda agrikola matul l-istess perijodu. Dawn il-kundizzjonijiet huma kumulattivi: jekk tiġi ssodisfatta waħda biss, l-art ma tistax tiġi kklassifikata bħala mergħa permanenti; barra minn hekk, jekk it-tnejn jiġu ssodisfatti, din għandha tiġi kklassifikata b'dan il-mod.

56. Jekk iż-żewġ kundizzjonijiet huma kumulattivi, loġikament għandu jkun possibbli li kundizzjoni tiġi ssodisfatta u l-oħra le. Fin-nuqqas ta' kliem ċar li jindika li "ħaxix u għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" għandhom jiġu ttrattati bħala kunċett wieħed għall-għanijiet li jiġi deċiż jekk kienx hemm rotazzjoni tal-uċuħ jew le, għalhekk għandu jkun possibbli li jkun hemm rotazzjoni tal-uċuħ filwaqt li jinżamm il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix.

57. Konsegwentement, ma huwiex suffiċjenti li jingħad, kif ġie sostnut mil-Landesamt u mill-Kummissjoni, b'mod partikolari waqt is-seduta, li dak li jgħodd meta jiġi ddeterminat jekk l-art tilfitx l-istatus ta' "mergħat permanenti" huwa sempliċement jekk kienx hemm bidla mill-użu tagħha biex jitkabbar ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix għal skopijiet oħra, b'mod partikolari agrikoli. Dik hija possibbiltà waħda, iżda oħra tista' tkun li hemm rotazzjoni tal-uċuħ fi ħdan l-istess kategorija ta' ħxejjex jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix.

58. Fil-proċeduri prinċipali, jidher li għal mill-inqas ħames snin qabel id-data rilevanti għal kull għalqa, iż-żewġ għelieqi kienu taħt tip wieħed jew ieħor ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix. Għalhekk il-kwistjoni hija jekk il-mod li bih it-tip inkwistjoni kien mibdul matul dak il-perijodu kienx jikkostitwixxi rotazzjoni tal-uċuħ.

26 — Inkluż, fejn applikabbli, l-uċuħ l-oħrajn elenkati fl-Anness IX għar-Regolament Nru 1782/2003 u l-Anness I għar-Regolament Nru 1120/2009 (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 13 iktar 'il fuq).

59. Fuq naħa waħda tal-miżien, fil-fehma tiegħi huwa ċar li bidla minn taħlita ta' silla/ħaxix għal ħaxix waħdu b'riżultat ta' tnaqqis naturali fil-proporzjon ta' silla [27] ma jkun jissodisfa ebda definizzjoni ta' rotazzjoni tal-uċuħ, kemm fis-sens tal-lingwaġġ ta' kuljum jew fit-terminoloġija agrikola jew kif stabbilit fit-Taqsima D tal-Anness I għad-Deċiżjoni 2000/115 jew fil-punt II.2.01 tal-Anness II għar-Regolament Nru 1200/2009.

60. Fuq in-naħa l-oħra tal-miżien, rotazzjoni tal-uċuħ fi ħdan il-kategorija ta' "ħxejjex u għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix" trid, preżumibbilment, titqies li sseħħ fejn l-art tiġi maħruta, bit-tneħħija tal-uċuħ preċedenti u riseminazzjoni b'tip differenti ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix (li huwa x-xenarju ppostulat fid-domanda tal-qorti tar-rinviju), inkella ma jkun qatt possibbli li tali rotazzjoni tal-uċuħ iseħħ.

61. Għalhekk, abbażi ta' dan l-aħħar xenarju, jidher li huwa diffiċli li r-risposta għad-domanda li saret ma tkunx fis-sens li fiċ-ċirkustanzi deskritti hemm rotazzjoni tal-uċuħ u li l-art ma tistax tiġi kklassifikata bħala mergħa permanenti.

62. Madankollu, ix-xenarju ppostulat fid-domanda effettivament irrinvijata (ħart bit-tneħħija tal-uċuħ ta' qabel u riseminazzjoni b'tip differenti ta' għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix), ma jidhirx li huwa eżattament l-istess bħal dak imsemmi fir-rakkont tal-fatti fid-digriet tar-rinviju (skarifikazzjoni u żriegħ parzjali mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel b'tip differenti ta' għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix). Id-diskrepanza bejn it-tnejn tista' tkun minħabba l-fatt li l-qorti nazzjonali, meta fformulat id-domanda tagħha, użat il-lingwaġġ tal-leġiżlazzjoni fil-verżjoni bil-Ġermaniż, li jirreferi speċifikament għall-ħrit meta l-verżjonijiet lingwistiċi l-oħrajn jużaw terminu li jfisser konverżjoni.

63. Konsegwentement, sabiex tingħata tweġiba iktar kompluta, jista' jkun mixtieq li jiġu kkunsidrati tibdiliet li huma inqas radikali minn ħrit u riseminazzjoni b'tip differenti, iżda iktar radikali minn tnaqqis naturali jew żieda fl-ispeċi ta' għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix fi ħdan taħlita: pereżempju (a) ħrit u riseminazzjoni bl-istess tip ta' ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix jew (b) skarifikazzjoni u żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel b'tip ta' ħaxix jew għalf fil-forma ta' ħaxix parzjalment differenti.

64. Naqbel mal-Kummissjoni li (fin-nuqqas tad-definizzjoni neċessarja) il-kliem "rotazzjoni tal-uċuħ" għandha tiġi interpretata b'riferiment għat-tifsira komuni tagħhom fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jitqies ukoll il-kuntest li jseħħu fih u l-għanijiet tar-regoli li jiffurmaw parti minnhom [28]. Dan l-approċċ jidher iktar u iktar neċessarju fid-dawl tal-varjazzjoni lingwistika f'partijiet oħra tal-leġiżlazzjoni, fejn kelma li jkollha t-tifsira ġenerali ta' "tibdel l-użu ta'" tintuża, jekk mhux fil-verżjonijiet lingwistiċi kollha, f'ħafna minnhom, filwaqt li l-verżjoni bil-Ġermaniż tuża l-verb li jfisser "tkisser" l-art jew il-ħamrija, apparentement jimplika ħrit għall-ewwel darba, jew tal-inqas bir-reqqa.

65. Jekk wieħed iħares lejn it-tifsira tat-terminu "rotazzjoni tal-uċuħ" fil-lingwaġġ ordinarju, jiena naħseb li ma huwiex probabbli li xi wieħed mill-eżempji tiegħi (a) u (b) fil-punt 63 iktar 'il fuq jitqies li jaqa' taħtu, kemm minn persuna ordinarja jew minn bidwi. Fir-rigward ta' (a), ir-rotazzjoni tal-uċuħ neċessarjament tinvolvi xi bidla fl-uċuħ, ħafna drabi bil-ħsieb li jinżamm bilanċ fil-ħamrija. Ir-riseminazzjoni bl-istess uċuħ ma tagħmilx dan. Fir-rigward ta' (b), iż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel (normalment wara l-iskarifikazzjoni) komunement tintuża biex tiġi mġedda żona eżistenti ta' ħaxix (għall-inqas f'oqsma barra mill-agrikoltura, għal *lawns* jew grawnds tal-isport), pjuttost milli tbiddel għal tip ġdid ta' ħaxix. Hawnhekk, jidher li kien hemm biss bidla parzjali għal tip ġdid ta' wċuħ (minn taħlita ta' silla/ħaxix għal ħaxix li jinħarat).

27 — Ara l-punti 36 u 38 iktar 'il fuq

28 — Ara, pereżempju, is-sentenza tas-27 ta' Settembru 2012, Partena (Kawża C-137/11, EU:C:2012:593) punt 56 u l-ġurisprudenza ċċitata.

66. Il-kunsiderazzjoni tal-kuntest li fih jintuża t-terminu “rotazzjoni tal-uċuh” fil-leġiżlazzjoni rilevanti għandha, fil-fehma tiegħi, tkun limitata fl-ewwel lok għal-leġiżlazzjoni dwar għajnuna diretta nnifisha. Il-leġiżlazzjoni dwar statistika agrikola għandha għan differenti, u għalhekk ma jistax ikun hemm (kuntrarjament għall-fehma tal-Gvern Ġermaniż) preżunzjoni li t-terminu għandu eżattament l-istess tifsira fiż-żewġ kuntesti. Madankollu, kieku interpretazzjoni fid-dawl tal-kuntest u tal-għan tal-leġiżlazzjoni dwar appoġġ dirett kellha twassal għall-istess tifsira bħal dik fil-leġiżlazzjoni dwar l-istatistika, din tal-aħħar tipprovdi xi ftit sostenn.

67. Sa fejn hija kkonċernata l-leġiżlazzjoni dwar appoġġ dirett, il-kriterji tal-“kuntest” u “għanijiet” huma marbutin ma’ xulxin.

68. L-għan iddikjarat tad-dispożizzjonijiet taħt kunsiderazzjoni huwa dak li tiġi inkuraġġita ż-żamma ta’ mergħat permanenti biex jiġi żgurat li ma sseħħx konverżjoni massiva għal art li tinħarat, minħabba l-effett ambjentali pożittiv tal-mergħa permanenti [29].

69. Il-partijiet kollha li ressqu l-osservazzjonijiet jaqblu li l-art miksija bil-ħaxix hija ta’ benefiċċju għall-ambjent, iżda M. Grund u l-Gvern Ġermaniż isostnu li l-benefiċċju jinkiseb biss ladarba l-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta’ ħaxix ikun tħalla mhux disturbat għal ħames snin jew iktar, filwaqt li l-Kummissjoni ssostni li l-effett jibqa’ wieħed pożittiv anki meta t-tip partikolari ta’ wċuħ jinbidel matul il-perijodu. Peress li din hija kwistjoni ta’ fatt li dwarha tressqu veduti kunfliġġenti iżda li la din il-Qorti u lanqas il-qorti tar-rinviju ma huma kompetenti biex jiddeterminaw [30], ma jidhirx li huwa possibbli li l-interpretazzjoni mitluba tkun ibbażata fuq xi ħaġa oħra ħlief iż-żewġ proposti li ż-żamma ta’ art taħt ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta’ ħaxix hija minnha nnifisha ta’ benefiċċju ambjentali u li l-benefiċċju jiżdied proporzjonalment mat-tul ta’ żmien li tinżamm f’dak l-istat, partikolarment meta l-uċuħ jitħallew mhux disturbati.

70. Il-mod li bih il-leġiżlazzjoni dwar appoġġ dirett tipprova tilħaq l-għan li jinżammu mergħat permanenti huwa biż-żamma ta’ pagamenti minn bdiewa li ma jżommux il-mergħa permanenti eżistenti bħala tali. Il-preamboli għar-regolamenti tal-Kunsill rilevanti jikkonfermaw [31] il-prinċipju li bdiewa li ma jikkonformawx ma’ ċerti rekwiżiti fl-oqsma tas-saħħa pubblika, is-saħħa tal-annimali u tal-pjanti, tal-ambjent u tal-benesseri tal-annimali huma suġġetti għal tnaqqis ta’ jew esklużjoni minn appoġġ dirett — sistema ta’ konformità li tifforma parti integrali mill-appoġġ tal-UE bħala pagamenti diretti. Din tingħata effett, għar-rigward taż-żamma ta’ mergħat permanenti, fl-Artikoli 4(1) u 6(2), moqrija flimkien.

71. Madankollu, il-Bundesverwaltungsgericht tiddikjara fid-digriet tar-rinviju tagħha li M. Grund għandu interess li jikseb dikjarazzjoni li l-għalqa ta’ Hohenkamp ma hijiex mergħa permanenti għaliex huwa jista’ jikriha b’kera ogħla bħala art li tinħadem.

72. Eżitu bħal dan imur kontra l-iskop tar-regoli inkwistjoni. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, sabiex wieħed jibqa’ konsistenti mal-għan ta’ dawk ir-regoli, il-kunċett ta’ konverżjoni minn mergħa permanenti għal art għal użi oħrajn (permezz tar-rotazzjoni tal-uċuħ) għandha tiġi interpretata b’mod li ma jiffaċilitax tali konverżjoni.

29 — Ara l-punti 8 u 9 iktar ’il fuq.

30 — Il-Bundesverwaltungsgericht espliċitament jgħid li huwa marbut bil-konstatazzjonijiet ta’ fatt li saru mill-qorti tal-appell u ma jistax jagħmel il-konstatazzjonijiet tiegħu.

31 — Ara l-punti 8 u 9 iktar ’il fuq.

73. Ladarba tkun seħħet il-konverżjoni, ma jkunx hemm iktar ebda "brejk" li jgħin għaż-żamma ta' mergħat permanenti, u kull inċentiv għall-konverżjoni lura għal mergħa permanenti jista' jkun minimu jew non-eżistenti jekk il-kera għal art li tinħadem tkun ogħla b'mod sinjifikanti. L-għan huwa, ta' min wieħed ifakkar, li tinżamm mergħa *permanenti*, u mhux li wieħed ibiddel meta jrid bejn mergħa u art li tinħadem — u jidher li huwa paċifiku li l-effett ambjentali pożittiv mixtieq jissaħħaħ iktar mal-art tibqa' taħt mergħa.

74. F'dak ir-rigward, ġie spjegat waqt is-seduta li l-iskarifikazzjoni u ż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel kienu fil-prinċipju iktar ambjentalment pożittivi mill-ħrit u riseminazzjoni. Normalment, it-tnejn li huma jitwettqu fil-ħarifa, iżda l-iskarifikazzjoni u ż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel iħallu l-uċuħ preċedenti fil-parti l-kbira f'posthom, biex b'hekk l-għalqa tibqa' tħaddar matul ix-xitwa u l-uċuħ jiġġeddu fir-rebbiegħa, filwaqt li ħrit u r-riseminazzjoni jħallu l-art għerja matul ix-xitwa. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi t-teknika użata hija rilevanti għall-materja, kuntrarjament għal dak li sostnew diversi partijiet.

75. Meta, kif jidher li huwa l-każ fil-proċeduri prinċipali, iż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel iwassal għal bidla parzjali tat-tip ta' għalf fil-forma ta' ħaxix (bejn ħaxix tal-għelieqi u taħlita ta' silla/ħaxix), fil-fehma tiegħi dan ma jistax jagħti lok għal determinazzjoni differenti minn dik meta, pereżempju, ikun hemm tnaqqis naturali fil-proporzjon ta' tip wieħed f'taħlita [32]. Fil-fatt, sitwazzjoni bħal din x'aktarx tkun ta' benefiċċju ambjentali peress li, kif ġie spjegat waqt is-seduta, din tista' tevita l-bżonn ta' fertilizzanti.

76. Għalhekk nasal għall-konklużjoni li, għall-għanijiet tar-regolamenti, ikun hemm rotazzjoni tal-uċuħ meta l-art agrikola taħt il-ħaxix jew għalf ieħor fil-forma ta' ħaxix tinħarat, jinqalgħu l-uċuħ, u jiġu riseminati b'uċuħ differenti jew fl-istess kategorija jew f'kategorija differenti [33]. Madankollu, ma jkun hemm ebda rotazzjoni tal-uċuħ meta l-uċuħ ta' qabel ma jiġux maqlugħin bil-ħrit tal-art iżda jiġu parzjalment modifikati permezz taż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel.

77. Barra minn hekk, nosserva li din il-pożizzjoni fil-fatt hija pjuttost sostnuta iktar milli imminata mil-leġiżlazzjoni tal-istatistika agrikola, li teskludi r-rotazzjoni tal-uċuħ jekk biċċa art tintuża għall-istess uċuħ għal ħames snin jew iktar, "mingħajr ma fil-frattemp jitneħħew l-uċuh ta' qabel u jiġu stabbiliti uċuh ġodda" iżda tqis li sseħħ meta "żoni jinħadmu bil-ħrit jew tagħżiq ieħor jew il-pjanti jiġu distrutti b'mezzi oħrajn bħal erbiċidi qabel ma jiġu miżrugħa jew ippjantati mill-ġdid". [34]

Konklużjoni

78. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha magħmula iktar 'il fuq, jiena tal-fehma li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tirrispondi d-domandi magħmula mill-Bundesverwaltungsgericht (il-Ġermanja) f'dan is-sens:

Għall-għanijiet kemm tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009, tad-19 ta' Jannar 2009, li jistabbilixxi regoli komuni għal skemi ta' appoġġ dirett għal bdiewa fi ħdan il-politika agrikola komuni u li jistabbilixxi ċerti skemi ta' appoġġ għal bdiewa, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1290/2005, (KE) Nru 247/2006, (KE) Nru 378/2007 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1782/2003 jew ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1122/2009 tat-30 ta' Novembru 2009 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 73/2009 fir-rigward tal-kundizzjonalità, il-modulazzjoni u s-sistema integrata ta' amministrazzjoni u kontroll, skont

32 — Ara l-punti 36, 38 u 59 iktar 'il fuq.

33 — Jista' jkun li l-leġiżlatura kellha l-intenzjoni li tagħmel id-distinzjoni li indikajt fil-punt 54 iktar 'il fuq. Madankollu, it-test tar-regolament ma jgħidx dan espliċitament u, fin-nuqqas ta' xhieda esperta, ma nħossnix kunfidenti biżżejjed biex nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li hekk għandha tiġi interpretata u li wċuh ġodda miżrugħa jridu jkunu ta' kategorija *differenti*.

34 — Ara l-punti 18 sa 21 iktar 'il fuq.

l-iskemi ta' appoġġ għall-bdiewa previsti għal [f'] dak ir-Regolament, kif ukoll għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 fir-rigward tal-kundizzjonalità skont l-iskema ta' appoġġ prevista għas-settur tal-inbid, meta art agrikola tiġi użata għal mill-inqas ħames snin għall-koltivazzjoni ta' ħaxix jew għalf ieħor u matul dak il-perijodu, iż-żona tkun ġiet maħruta, u l-uċuħ preċedenti jkunu nqalgħu, u riseminati b'tip differenti ta' għalf fil-forma ta' ħaxix, hemmhekk ikun hemm rotazzjoni tal-uċuħ li teskludi l-klassifikazzjoni bħala mergħa permanenti. Meta, madankollu, l-uċuħ ta' qabel ma jinqalgħux bil-ħrit tal-art iżda jiġu parzjalment immodifikati biż-żriegħ mingħajr qlugħ tal-uċuħ ta' qabel, hemmhekk ma jkun hemm ebda rotazzjoni tal-uċuħ u ż-żona għandha tiġi kklassifikata bħala mergħa permanenti.